Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 30/21**
il-Lussemburgu, 2 ta’ Marzu 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-425/19 P
Il-Kummissjoni vs L-Italja, Fondo interbancario di tutela dei depositi, Banca d’Italia u Banca Popolare di Bari SCpA

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell imressaq mill-Kummissjoni mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali dwar miżuri adottati minn konsorzju ta’ banek Taljani sabiex jappoġġa wieħed mill-membri tiegħu

*Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, ġustament, li dawn il-miżuri ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat peress li ma humiex imputabbli lill-Istat Taljan*

Fl-2013, il-bank Taljan Banca Popolare di Bari SCpA (BPB) wera l-interess tiegħu li jissottoskrivi żieda fil-kapital tal-Banca Tercas (iktar ’il quddiem “Tercas”), bank ieħor Taljan b’kapital privat li kien suġġett għas-sistema ta’ amministrazzjoni straordinarja wara li ġew ikkonstatati irregolaritajiet mill-Banca d’Italia, l-awtorità Taljana ta’ sorveljanza tas-settur bankarju.

Din il-manifestazzjoni ta’ interess min-naħa ta’ BPB kienet, madankollu, suġġetta għar-rekwiżit li d-**deficit partimonjali ta’ Tercas ikun kopert kollu mill-Fondo Interbancario di Tutela dei Depositi (FITD). Dan tal-aħħar huwa konsorzju bejn banek irregolat mid-dritt privat,** ta’ natura mutwalista, li għandu l-obbligu jintervjeni abbażi tal-garanzija legali tad-depożiti fil-każ ta’ stralċ amministrattiv forzat ta’ wieħed mill-membri tiegħu. Il-FITD għandu, barra minn hekk, il-possibbiltà jintervjeni b’mod preventiv sabiex jappoġġa membru suġġett għas-sistema ta’ amministrazzjoni straordinarja. Tali possibbiltà teżiġi, madankollu, li jkun hemm prospetti ta’ rkupru u li jkun jista’ jiġi previst oneru iżgħar meta mqabbel ma’ dak li jirriżulta mill-intervent tal-FITD abbażi tal-garanzija legali tad-depożiti fil-każ ta’ stralċ amministrattiv forzat tal-membru kkonċernat.

Fl-2014, wara li zgura ruħu li intervent preventiv favur Tercas kien ekonomikament iktar vantaġġuż milli r-rimbors tad-depożitanti ta’ dak il-bank fil-każ ta’ stralċ amministrattiv forzat, **il-FITD iddeċieda li jkopri l-ekwità negattiva ta’ Tercas u li jagħtiha ċerti garanziji. Dawn il-miżuri ġew approvati mill-Banca d’Italia.**

Permezz ta’ deċiżjoni tat-23 ta’ Diċembru 2015 [1], **il-Kummissjoni kkonstatat li dan l-intervent tal-FITD favur Tercas kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali** mogħtija mill-Italja lil Tercas u ordnat l-irkupru tagħha.

L-Italja, BPB kif ukoll il-FITD, sostnut mill-Banca d’Italia, ippreżentaw rikors għall-annullament ta’ din id-deċiżjoni. **Permezz ta’ sentenza tad-19 ta’ Marzu 2019 [2], il-Qorti Ġenerali laqgħat dawn ir-rikorsi u annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni,** minħabba li r-rekwiżiti sabiex l-intervent tal-FITD jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat ma kinux issodisfatti, peress li dan l-intervent la kien imputabbli lill-Istat Taljan u lanqas ma kien iffinanzjat permezz ta’ riżorsi ta’ dan l-Istat Membru [3].

**Billi ċaħdet l-appell imressaq mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala Awla Manja, tikkjarifika l-ġurisprudenza tagħha dwar l-imputabbiltà lill-Istat ta’ miżuri ta’ għajnuna**

1 Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1208 tat-23 ta’ Diċembru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat li l-Italja implimentat favur il-Banca Tercas (Il-każ SA.39451 (2015/C) (ex 2015/NN)) (ĠU 2016, L 203, p. 1).
2 Sentenza tad-19 ta’ Marzu 2019, L-Italja vs Il-Kummissjoni, T-98/16, T-196/16 u T-198/16; ara wkoll CP Nru 34/19.
3 Il-klassifikazzjoni ta’ miżura bħala “għajnuna mill-Istat”, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE tippreżupponi li jiġu ssodisfatti erba’rekwiżiti, jiġifieri li jkun hemm intervent mill-Istat jew permezz ta’ riżorsi tal-Istat, il-fatt li dan l-intervent ikun kapaċi jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, li huwa jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u li joħloq distorsjoni jew theddida ta’ distorsjoni tal-kompetizzjoni.

**mogħtija minn entità rregolata mid-dritt privat li la hija organu tal-Istat u lanqas impriża pubblika.**

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li, sabiex vantaġġi jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala "għajnuna" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, huma għandhom, minn naħa, jingħataw direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u, min-naħa l-oħra, **ikunu imputabbli lill-Istat.**

Għal dak li jikkonċerna, b'mod iktar partikolari, l-imputabbiltà lill-awtoritajiet Taljani tal-intervent tal-FITD favur Tercas, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata ssusegwentement li **l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball meta qieset li l-indizji prodotti mill-Kummissjoni sabiex tipprova l-influwenza tal-awtoritajiet pubbliċi Taljani fuq il-FITD ma jippermettux li l-intervent tiegħu favur Tercas jiġi imputat lill-awtoritajiet Taljani.**

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett il-ġurisprudenza li tgħid li hija l-Kummissjoni li għandha tipprova, abbażi ta' serje ta' indizji, li l-miżuri inkwistjoni jkunu imputabbli lill-Istat u, għaldaqstant, ma imponietx fuq il-Kummissjoni standard ta' prova ogħla minn dak li jirrigwarda l-imputabbiltà ta' vantaġġ lill-Istat għas-sempliċi raġuni li l-FITD huwa entità privata.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li l-fatt li l-entità li tkun ipprovdiet l-għajnuna jkollha natura privata jimplika li l-indizji adatti sabiex jipprovaw l-imputabbiltà lill-Istat tal-miżura huma differenti minn dawk meħtieġa fl-ipoteżi li l-entità li tipprovdi l-għajnuna tkun impriża pubblika.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma imponietx standards ta' prova differenti iżda, bil-kontra, applikat il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-indizji adatti sabiex jipprovaw l-imputabbiltà ta' miżura ta' għajnuna jirriżultaw neċessarjament miċ-ċirkustanzi tal-każ u mill-kuntest li fih tkun ittieħdet din il-miżura, peress li **l-assenza ta' rabta ta' kapital bejn il-FITD u l-Istat** għandha, f'dan ir-rigward, rilevanza ċerta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkjarifika, barra minn hekk, li l-ġurisprudenza tagħha dwar il-kunċett ta' "emanazzjoni tal-Istat" li jippermetti lill-individwi jinvokaw dispożizzjonijiet inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi ta' direttiva mhux trasposta jew mhux trasposta b'mod korrett kontra organi jew entitajiet li huma suġġetti għall-awtorità jew għall-kontroll tal-Istat, ma jistax jiġi traspost għall-kwistjoni tal-imputabbiltà lill-Istat ta' miżuri ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq riskju ta' evażjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-unjoni bankarja. Il-Kummissjoni ssostni f'dan ir-rigward li r-rifjut li jiġi imputat lill-awtoritajiet tal-Istat l-intervent ta' istanza bħall-FITD favur bank b'kapital privat jinkludi riskju li jiġi evitat l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59 [4], li jipprevedi l-ftuħ ta' proċedura ta' riżoluzzjoni meta stabbiliment ta' kreditu jkun jeħtieġ appoġġ finanzjarju pubbliku eċċezzjonali, li jikkorrispondi għal għajnuna mill-Istat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-klassifikazzjoni ta' miżura meħuda minn skema ta' garanzija tad-depożiti bħala għajnuna mill-Istat li tista' tagħti bidu għal din il-proċedura ta' riżoluzzjoni tibqa' possibbli, skont il-karatteristiċi tal-imsemmija skema u tal-miżura inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li huwa effettivament abbażi tal-analiżi tal-indizji kollha meqjusa mill-Kummissjoni, imqiegħda fil-kuntest tagħhom, li l-Qorti Ġenerali kkonstatat żball ta' liġi mwettaq minn din l-istituzzjoni meta din tal-aħħar qieset li l-awtoritajiet Taljani kienu eżerċitaw kontroll pubbliku sostanzjali fid-determinazzjoni tal-intervent tal-FITD favur Tercas.**

---

[4] Artikolu 32(4)(d) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.*